KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 73

**L-Erbgħa 17 ta' Jannar 2018**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku
Anthony Mifsud – Kunsillier *(Wasal fit-8:00pm)*
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel John Attard ppresjeda l-laqgħa.

## 73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

73.1.1 Is-SE qrat apoloġija min-naħa tal-Kunsillier Simon Paul Fenech. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

73.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

73.2.2 Il-Viċi Sindku propona li dawn jiġu approvati filwaqt l-Kunsillier Bugeja ssekondat. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 73.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

73.3.1 Is-Sindku informa li l-MEUSAC kienu infurmaw lill-Kunsill li kienet ġiet estiza l-applikazzjoni ta' Mizura 4.4 rigward bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjiegħ u għaldaqstant hu u s-SE kienu kellmu lill-Periti tal-Kunsill b'mod immedjat sabiex tibda titħejja applikazzjoni għall-irranġar tal-ħajt ta' Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello. Huwa informa li l-ko-finanzjament għal dan il-proġett huwa ta' 80% u għaldaqstant kemm-il darba tiġi aċċettata l-applikazzjoni, il-Kunsill ikollu joħroġ 20% tal-ispiza totali.

## 73.4 Direttiva 3/2017 – Proċess ġdid tal-akkwist

73.4.1 Is-SE infurmat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien għadda ċirkulari lill-Kunsilli fejn spjega li mill-1 ta' Jannar 2018, kien inbidel il-proċess tal-akkwist. Kien hemm tibdiliet konsiderevoli fosthom fejn dak li għandhom x'jaqsmu l-ammonti għal *direct orders*, kwotazzjonijiet pubbliċi, offerti, kif ukoll il-*petty cash*.

73.4.2 Is-SE infurmat ukoll li fl-istess liġi sussidjarja qed jiġi speċifikat li minn issa 'l quddiem, il-bord tal-evalwazzjoni tal-offerti ma jistax jibqa' magħmul mill-Kunsilliera izjda jrid ikun magħmul mis-SE, *chairperson* maħtur u jkun rapprezentant mill-Kunsill (it-tnejn bla vot), *accountant*, perit/persuna teknika u persuna legali.

73.4.3 Hawnhekk il-Viċi Sindku propona li ċ-*Chairperson* ikun is-Sindku. Il-Kunsilliera Bugeja ssekondat filwaqt li s-Sindku aċċetta din in-nomina.

73.4.4 Kien hemm qbil għaldaqstant li l-bord tal-evalwazzjoni għandu possibbilment dejjem jikkonsisti mis-Sindku u s-SE, kif ukoll mill-*accountant* tal-Kunsill, is-Sinj. Perici Ferrante, rapprezentant tal-perizja tal-Kunsill, u Dott. Ishmael Psaila mil-lat legali (kemm-il darba dawn jaċċettaw).

73.4.5 Is-SE ziedet ukoll li l-Kunsill xorta waħda finalment se jaġġudika hu fuq ir-rakkomandazzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni, bid-differenza li waqt il-laqgħa tal-Kunsill jista' jiġi biss iċċirkulat ir-rapport maħruġ minnhom li jinqara minn kull membru. Ma tistax tinzamm kopja tar-rapport

minn ebda kunsillier u waqt l-aġġudikazzjoni ma jistax jissemma' l-isem tal-kuntrattur/offerent izda ssir riferenza biss lejh permezz ta' ittra jew numru.

## 73.5 L-Offerta tal-Knis – MTFLC/T/01/2018

73.5.1 Is-SE infurmat li l-kuntratt tal-knis kien wasal biex jiskadi u għaldaqstant talbet li l-Kunsill iġeddu b'4 xhur sakemm jiġi aġġudikat il-kuntratt li jmiss. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

73.5.2 Is-SE infurmat ukoll li kienet għaddiet kopja tal-offerta permezz tal-*email* u xtaqet li l-Kunsill jaqbel fuq numru ta' punti importanti qabel ma tiġi ppubblikata. L-aktar zewġ punti importanti kienu jekk il-kennies għandux ikun *full timer* u jekk għandhomx jitnizzlu ħinijiet li fihom jista' jopera.

73.5.3 Il-Kunsill qabel li s-SE m'għandhiex tispeċifika jekk għandux ikun *full timer* izda l-offerta għandha tkun miftuħa għal kulħadd. Fir-rigward tal-ħinijiet, il-Kunsill qabel li sakemm il-kennies izomm max-*schedule* li jkollu, ma jħossx li għandu jagħmel ħinijiet definittivi biex izomm magħhom il-kennies. Għaldaqstant l-infurzar tal-kuntratt għandu jkun dwar jekk għamilx ir-rotta speċifikata fuq il-kuntratt.

73.5.4 Minħabba li l-*accountant* kienet għadha ma waslitx kien hemm qbil li l-Kunsill jaqbez il-punti li jirrigwardjaw il-finanzi u jmur direttament għall-punt li jmiss.

## 73.6 Rapport tekniku u legali rigwardanti l-bosk tal-Imtarfa

73.6.1 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu ltaqgħu mal-Perit Musumeci flimkien mal-Periti tal-Kunsill fir-rigward tal-ħsara li ġrat fuq il-belveder tal-bosk. Min-naħa tagħhom, iz-zewġ Periti kienu qed jinsistu li dak li ġara ma sarx b'rizultat ta' negliġenza min-naħa tagħhom. Min-naħa tiegħu, is-Sindku talabhom sabiex jintlaħaq ftehim amikevoli mal-Kunsill u jsir pagament status quo ante mingħajr ebda preġudizzju.

73.6.2 Kien hemm qbil finalment li dawn għandhom jieħdu parir legali dwar x'jista' jsir f'dan il-punt u fir-rigward tax-xewqa tal-Kunsill.

73.6.3 Sadanittant is-Sindku informa li l-applikazzjoni tal-awtorità tal-ippjanar kemm għat-tindif kif ukoll għar-rikostruzzjoni tal-belveder kienet għadha għaddejja parallela ma' dan t'hawn fuq.

73.6.4 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien it-8:00pm.

73.6.5 Is-SE infurmat li sadanittant kienet għamlet talba lill-Perit għal stima tax-xogħlijiet kollha li għandhom isiru fir-rigward tal-belveder sabiex il-Kunsill jassigura li jkollu l-fondi meħtieġa.

73.6.6 Hawnhekk waslet l-*accountant*. Il-ħin kien it-8:02pm.

## 73.7 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' kull Kwart (Ottubru – Diċembru 2017)

73.7.1 Is-SE talbet lill-*accountant* tal-Kunsill sabiex tersaq mal-mejda u tagħti spjega dwar ir-rapporti finanzjarji.

73.7.2 Wara li ngħatat l-ispjega, il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju ta' kull kwart. Kopja tiegħu tinsab mehmuza.

## 73.8 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji Sena Bazi 2017

73.8.1 Wara spjega mill-accountant, il-Kunsill approva l-estimi finanzjarji għas-sena bazi 2017, kopja mehmuza.

73.8.2 Fost oħrajn, l-accountant infurmat li l-Kunsill kien spiċċa s-sena b'ammont ta' €25,370 minn fuq u dan wara li jitnaqqsu l-10% li l-Kunsill kellu *budgeted* għall-proġett tar-restawr tat-torri tal-arloġġ u l-bini tal-*interpretation centre*.

73.8.3 Hija faħħret lill-Kunsill ukoll għaliex matul is-sena 2017 kien irnexxielu jagħmel titjib anke fir-rigward ta' ġabra tal-iskart imħallat, tant li l-mizata mħallsa għal *tipping fees* kienet naqset.

## 73.9 Diskussjoni u approvazzjoni tal-Baġit għas-sena 2018

73.9.1 L-*accountant* tal-Kunsill tat spjega ta' kif qed jiġi rrakkomandat li jitqassam il-baġit għas-sena 2018 u skont kif kien diġà ġie diskuss mas-SE tal-Kunsill.

73.9.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-baġit hekk kif propost. Kopja tiegħu qegħda mehmuza.

73.9.3 Il-Kunsill irringrazzja lill-accountant tal-ħin u tal-ispjega filwaqt li hi skuzat ruħha mil-laqgħa. Il-ħin kien it-8:25pm.

73.9.4 Hawnhekk is-Sindku talab lill-Kunsill jissospendi l-laqgħa għal ftit minuti. Il-Kunsill qabel u għaldaqstant intfew il-*microphones* b'mod temporanju. Il-laqgħa reġgħet bdiet fit-8:35pm.

## 73.10 Zjara ġewwa Pumpherston

73.10.1 Is-Sindku informa li kien hemm rispons qawwi għaz-zjara ġewwa Pumpherston min-naħa tar-residenti u għaldaqstant kien importanti li l-Kunsill jagħzel individwi li jistgħu jibbenefikaw minnha u li z-zjara tagħhom tista' ssarraf f'għajnuna u f'ideat għal aktar proġetti futuri bejn iz-zewġ lokalitajiet.

73.10.2 Għaldaqstant wara konsultazzjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel 3 kundizzjonijiet – li l-karta tal-identità turi li l-applikanti jkunu joqogħdu l-Imtarfa; li jkollhom 'il fuq minn 16-il sena u li ma jistax ikun hemm aktar minn zewġ membri mill-istess familja.

73.10.3 Sadanittant il-Kunsill approva lista ta' nies li kienu qed jiġu meqjusa li se jiffurmaw parti mid-delegazzjoni. Is-Sindku u s-SE kienu se jitolbu sabiex itellgħu l-ammont tad-delegazzjoni għal 50 minflok 42 izda din kienet tiddependi esklussivament mill-Kunsill ta' Pumpherston.

## 73.11 *Performance Bonus* tas-Segretarju Ezekuttiv u tal-Uffiċjal Ezekuttiv

73.11.1 Il-Kunsill approva li s-SE u l-Uuffiċjal Ezekuttiv jingħataw il-massimu tal-*Performance Bonus*, jiġifieri 10% għas-SE u 6% għall-Uffiċjal Ezekuttiv.

## 73.12 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

73.12.1 Il-Kunsillier Mifsud informa li fl-1 ta' Frar se jsir l-iffirmar min-naha tal-kuntrattur tad-dawl. Huwa informa li l-kunsilli kollha kienu qed jipparteċipaw.

73.12.2 Il-Kunsillier Mifsud informa li r-Reġjun Tramuntana kien ifforma sottokumitat biex jiddiskuti attivitajiet kulturali ma' fondi fondi li ngħataw mid-DLG u li jammontaw għal €120,000. Huwa informa li f'Ġunju kienet se ssir attività bl-isem tal-Franċizi fit-Tramuntana 220 sena ilu.

73.12.3 Wieħed mill-avvenimenti kien se jsir ġewwa l-Imtarfa, ezattament nhar it-8 ta' Ġunju fejn reġiment suldati kien se jgħaddi mill-Imtarfa fi triqtu lejn l-Imdina u r-Rabat.

## 73.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

73.13.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Viċi Sindku propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

73.13.2 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li kien hemm ħsara estensiva fil-Ġnien tas-Sinjura u li l-istima kienet tlaħħaq 'il fuq minn €5,000. Hija infurmat li l-baġit tal-Kunsill għas-sena sħiħa kien ta' €6000 u għaldaqstant issuġġeriet li l-Kunsill iqabbad lill-inġinier tar-Reġjun biex jikkonferma li istima u x-xogħol li jkun sar u hekk ikun hemm garanzija fuq din l-ispiza. Il-Kunsill qabel unanimament li s-SE għandha tikkonsulta mal-inġinier.

73.13.3 Is-SE infurmat li kienet qed iġġib kwotazzjonijiet għal madum u settijiet tal-kamra tal-banju u kienet se tmexxi bl-aktar kwotazzjoni rħisa.

73.13.4 Is-SE infurmat li kienet ġabet 3 kwotazzjonijiet għas-sistema tal-*payroll* minħabba li dik li kienet qed tuza kienet se tiġi *phased out*. L-irħas waħda kienet ta' Arthur Perici. Il-Kunsill approva.

## 73.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

73.14.1 Il-laqgħa ntemmet fil-9:15pm u ġiet aġġornata għall-15 ta' Frar fis-7:15pm.

Konfermati, illum 15 ta' Frar 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |